



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Lulju 2022
(OR. en)

9385/22

LIMITE

CORLX 483
CFSP/PESC 688
CSDP/PSDC 306
COAFR 113
CSC 207
EUAM RCA 6

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110¹, li stabbiliet il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA), b'mandat inizjali sat-8 ta' Awwissu 2022, sentejn mit-tneċċja tal-EUAM RCA.
- (2) Fit-12 ta' April 2022, abbażi tar-Rieżami Strateġiku Olistiku tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-UE fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) u tal-EUAM RCA, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) irrakkomanda li l-mandat tal-EUAM RCA jiġi estiż sad-9 ta' Awwissu 2024. Fil-11 ta' Mejju 2022, il-KPS qabel li l-mandat tal-EUAM RCA jenħtieġ li jiġi aġġustat għas-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.
- (3) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 tiġi emendata skont dan.
- (4) Il-EUAM RCA ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif deskritti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2110 tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (ĠU L 318, 10.12.2019, p. 141).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 hija emendata kif ġej;

(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-oġġettivi strateġiċi tal-EUAM RCA għandhom ikunu:

- (a) l-appoġġ għall-bini ta' kapaċitajiet ta' governanza u ġestjoni bbażati fuq ir-regoli fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Pubblika tar-Repubblika Ċentru-Afrikana, fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-bini u l-monitoraġġ tal-kategoriji ta' ppjanar rilevanti kollha;
- (b) l-appoġġ għat-trasformazzjoni sostenibbli tal-Forzi tas-Sigurtà Interna tar-Repubblika Ċentru-Afrikana u l-funzjonament u l-iskjerament operazzjonali effikaċi tagħhom;
- (c) l-assistenza fl-iżvilupp ta' appoġġ integrat għall-Forzi tas-Sigurtà Interna tar-Repubblika Ċentru-Afrikana permezz ta' koordinazzjoni mill-qrib, filwaqt li tiġi żgurata l-unità fl-azzjoni u l-komplementarjetà tal-isforzi mal-atturi rilevanti;
- (d) li tiġi stabbilita stampa tas-sitwazzjoni komprensiva permezz ta' Kapaċità Analitika ddedikata, inkluż f'oqsma bħall-komunikazzjonijiet strateġiċi u l-iżviluppi fis-sigurtà u politiċi;

(e) li jiġu appoġġati l-isforzi għal komunikazzjoni strateġika biex trawwem il-valuri tal-Unjoni, tippromwovi l-azzjoni tal-Unjoni u tikxef il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali minn forzi barranin fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.”;

(2) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM RCA għall-perjodu mid-9 ta' Diċembru 2019 sat-8 ta' Awwissu 2022 għandu jkun ta' EUR 30 352 481,10.

L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM RCA għall-perjodu mid-9 ta' Awwissu 2022 sad-9 ta' Awwissu 2024 għandu jkun ta' EUR 28 400 000,00.”;

(3) fl-Artikolu 17, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Hija għandha tiskadi fid-9 ta' Awwissu 2024.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi ...,...

Għall-Kunsill

Il-President
